**24 ta' Frar, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Rose Callus

*versus*

Reverendu Kanoniku Dun Carmelo Bezzina

**Kommunjoni ta l-Akkwisti — Xjoljiment ta' — Minn Meta Art. 56 u 64 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kwistjoni jekk il kommunjoni ta' l-akwisti ġietx xjolta bil-mewt ta' wieħed mil-konjuġi jew bis-separazzjoni personali pronunzjata b'sentenza. Kwistjoni ta' interpretazzjoni tas-sentenza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — wara li ppremettiet illi fit-tlettax (13) ta' Mejju, 1949 (Dok. A), miet mingħajr testment Avertano Falzon u fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, 1961 (Dok. B), mietet Maria Falzon u ħallew superstiti lilha stess, binthom, u

li l-imsemmija Maria Falzon, fit-testment tagħha tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 1958, riċevut min-Nutar Joseph Gatt (Dok. C.), ħallitilha l-leġittima u b'testment suċċessiv riċevut min-Nutar Joseph Cachia tal-ħamsa (5) ta' Jannar, 1959 (Dok. D), istitwiet eredi universali tagħha lill-konvenut, u b'testment ieħor tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 1958 (Dok. E), l-istess Maria Falzon għamlet xi disposizzjonijiet oħra hemm indikati, u illi hija ma tridx tibqa aktar in komunjoni mal-konvenut — talbet illi — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa: (1) jiġi likwidat l-assi soċjali konjugali ġa ezistenti bejn Avertano u Maria ġa miżżewġin Falzon billi jkun dikjarat jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) dan l-assi hekk likwidat ikun maqsum f'żewġ porzjonijiet xorta u waħda minhom tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' l-imsemmi Avertano Falzon u l-oħra lil-assi partikolari ta' l-imsemmija Maria Falzon; (3) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmi Avertano Falzon billi jkun dikjarat jikkonsisti f'nofs il-beni provenjenti mill-assi soċjali konjugali kif likwidat u f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (4) dana l-assi kif likwidat jiġi fl-interizza tiegħu assenjat lill-attriċi bħala unika eredi "ex lege" ta' l-istess Avertano Falzon missierha; (5) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmija Maria Falzon billi jkun dikjarat jikkonsisti f'nofs il-beni provenjenti mill-assi soċjali konjugali kif fuq likwidat u f'dawk il beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (6) minn dana l-assi hekk likwidat tiġi segregata, imħallsa u assenjata lill-attriċi terza parti tal-beni in soddisfazzjon tal-leġittima lilha spettanti skond il-liġi; (7) jiġu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet mitluba; nutar biex jippubblika l-att relativ, u kuraturi biex jirrappresentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-erbgħa u

għoxrin (24) ta' Lulju, 1961.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta li hu ma jopponix ruħu, kif qatt ma oppona ruħu, għall-ewwel, tieni, ħames, sitt u seba domandi ta' l-attriċi salv li jiġi qabel xejn stabbilit meta ġiet terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Avertano u Maria ġa miżżewġin Falzon, u li huwa għandu jiġi liberat "ab observantia" għar-rigward tar-raba u tielet domandi.

Rat il-verbal tal-erbgħa (4) ta' April, 1963 minn fejn jirriżulta li l-partijiet qablu u talbu li tingħata s-sentenza parżjali fuq il-kwistjoni jekk kienx hemm ċessazzjoni tal kommunjoni ta' l-akkwisti bħala effett tas-sentenza tas-separazzjoni personali pronunnzjata bejn il-miżżewġin Falzon fil-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918.

Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti fuq indikata fuq l-imsemmija kwistjoni, fis-sittax (16) ta' Diċembru, 1963, li biha ġie dikjarat illi, għall-finijiet ta' l-ewwel domanda ta l-attriċi, l-assi soċjali konjugali ġja eżistenti bejn Avertano u Maria ġia miżżewġin Falzon għandu jiġi likwidat kif kien jeżisti fis-sitta ta' Mejju, 1918 u li, għal finijiet tat-tielet talba, ebda parti ma għanda tiġi nkluża fl-assi ta' Avertano Falzon mil-proprieta akwistata mil-mara tiegħu Maria Falzon wara dik l-istess data tas-sitta (6) ta' Mejju, 1918, u d-deċiżżjoni tal-kap. ta' l-ispejjeż relativi ġiet riservata għas-sentenza finali — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

*Omissis*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi jiġi dikjarat li għall-finijiet ta' l-ewwel domanda l-assi soċjali konjugali

ġja eżistenti bejn Avertano u Maria ġja miżżewġin Falzon għandu jiġi likwidat kif kien jeżisti fil-jum tal-mewt ta' l-imsemmi Avertano Falzon u li, għal finijiet tat-tielet talba, fl-assi ta' dana Avertano Falzon għandha tiġi inkluża parti mill-akkwisti mgħamula mil-mara tiegħu sad-data tal-mewt, bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li ssottometta li s-sentenza denunċjata hi ġusta u timmerita li tiġi konfermata.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħat lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:—

Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata s-soluzzjoni tal-kwistjoni fuq riferita tiddependi mil-interpretazzjoni tal-parti dispositiva ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti Civili (Prim' Awla) tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918, li in forza tagħha ġiet pronunzjata s-separazjoni personali bejn Avertano u Maria ġja konjuġi Falzon.

Dik is-separazjoni personali kienet ġiet mitluba min Samuele Avertano Falzon minħabba l-adulterju ta' martu, Maria, u minħabba inġurji gravi lejh da parti tagħha, u għal raġunijiet oħra li setgħu rriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Ġiet mitluba wkoll id-dikjarazzjoni tad-dekadenza ta' l-istess Maria Falzon mid-drittijiet lilha kompetenti skond l-artikolu 55 ta' l-Ordinanza No. 1 tal-1873 (illum 56 tal-Kodiċi Ċivili) u ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti għall-finijiet kollha tal-liġi.

Il-Qorti fuq indikata, bl-imsemmija sentenza tagħha

tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918, laqgħet it-talba għas-separazzjoni ta' l-attur Samuele Avertano Falzon mil-konvenuta *Maria*, *martu*, *għal kawża ta'* adulterju minn dina kommess, u ddikjarat illi l-istes konvenuta nkorriet fit-telfa tad-drittijiet kontemplati fl-artikolu 55 ta' l-Ordinanza No. 1 tal-1873 u f'dan is-sens akkoljiet it-talbiet ta' l-attur. *Il-kliem testwali tal-parti dispositiva ta' din is-sentenza* huma dawn: "Accoglie la domanda dedotta nella citazione per la separazione personale di Samuele A. Falzon dalla convenuta Maria, sua moglie, per causa di adulterio da costei commesso, dichiarando di essere la convenuta incorsa nella perdita dei diritti contemplati nell'articolo 55 dell'Ordinanza *No. 1 del 1873* ed in tal senso accoglie le domande del attore "nomine."

L-ewwel Qorti nterpretat din is-sentenza fis-sens illi l-istess *ipprovdiet għaċ-ċessazzjoni* tal-komunjoni ta' l-akkwisti — għal wara s-separazzjoni — billi kienet waħda mil-konsegwenzi li Samuele Avertano Falzon kien talab li s-separazzjoni personali minnu mitluba kontra martu tipproduċi, konformement għal dak li hemm maħsub fl-artikolu 64 (1) tal-Kodiċi Ċivili, iġifieri ċ-ċessazzjoni ta' kull jedd ta' martu fuq *l-akkwisti li wara* s-separazzjoni jsiru minnu u bil-kondizzjoni tar-rinunzja da parti tiegħu għall-jedd tiegħu fuq l-akkwisti ta' martu, kondizzjoni li l-Qorti tista tagħmel skond it-tieni paragrafu ta' l-istess artikolu. u dan billi, *kif qalet l-ewwel Qorti*, dina *l-kondizzjoni* kienet impliċita fit-talba, kif saret, għaċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx ma l-interpretazzjoni li ġiet minnha mogħtija lill-parti dispositiva ta' l-imsemmija sentenza tal-ħamsa (5) ta' Ġunju 1918; u inveru, f'din is-sentenza l-Qorti qalet ċar u tond li laqgħet it-talbiet — dawn kienu, kif ġa ngħid,

**għas-separazzjoni personali bid-dekadenza tal-konvenuta mid-drittijiet lilha kompetenti skond l-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili u għaċ-ċessazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti — fis-sens li dik il-Qorti kienet esprimiet ruħha fl-istess parti tas-sentenza, *iġifieri li kienet laqgħet it-talba għas-*separazzjoni personali ta' l-attur mill-konvenuta, martu, għall-kawża ta' adulterju kommess minnha bid-dikjarazzjoni li dina nkorriet fil-perdita tad-drittijiet fuq riferiti skond l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Ċivili, fosthom it-telfa ta' kull jedd li kellha għan-nofs ta' l-akkwisti li waqt iż-żwieġ kienu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra.**

Skond dik is-sentenza kwindi l-konvenuta tilfet id-dritt għan-nofs l'akkwisti li kienu saru waqt iż-żwieġ; iżda, għal quddiem, il-komunjoni ta' l-akkwisti ma ġietx minsusa u kwindi ma ċċessatx. "In tale senso accoglie le domande dell'attore "nomine", jingħid fis-sentenza, u dak is-sens kien, kif ġja ntqal, li ġiet akkolta "la domanda dedotta nella citazione per la separazzione personale di Samuele A. Falzon dalla convenuta Maria, sua moglie, per causa di adadulterio da costei commesso, dichiarando di esserela convenuta incorsa nella perdita *dei diritti contemplati nell'*-articolo 55 dell'Ordinanza No. 1 del 1873."

Għaldaqstant:

Tilqa l-appel, tirrevoka s-sentenza appellata u għall-*finijiet ta' l-ewwel u tat-tielet* talba kontenuta fl-att ta' ċitazzjoni tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Avertano Falzon u martu Maria ma spiċċatx fis-sitta (6) ta' Mejju 1918, data ta' l-imsemmija sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejniethom, imma fit-tlettax (13) ta' Mejju, 1949, jum li fih miet l-istess Avertano Falzon.

L-ispejjeż ta' dana l-appell jitħallsu mil-konvenut appellat.

Tordna li l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.